MARSAXLOKK

Kunsill Lokali - Marsaxlokk - Local Council
2 Triq Vittorio Cassar
Marsaxlokk MXK 1051
Tel 21652525, 21650937, Fax 21659555
e-mail : marsaxlokk.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Inti gentilment mitlub biex tattendi laqgha tal-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk li ser issir fl-Ufficcju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, **nhar l-Erbgha 16 ta' April 2014, fil-5:30 p.m.**

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

Illum l-4 ta' April 2014
Nru 34

## Agenda

1. **Qari tal-Minuti**
2. ***Arisings* mill-Minuti**
3. **Komunikazzjonijet tas-Sindku**
4. **Korrispondenza**
5. **Playing Field Triq il-Wilga (ftuh ufficjali)**
6. **Jum Marsaxlokk 2014**
7. **Malta International Fireworks Festival**
8. **Sejha ghall-Offerti numru MXLC06/2013**
9. **Lista ta' works orders/purchase orders**
10. **Lista ta' petty cash**
11. **Approvazzjoni ta' hlasijiet**
12. **Affarijiet ohra**
13. **Aggornament**

Minuti tal-laqgha tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, seduta nru 34, li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar l-Erbgha 16 ta' April 2014, fil-5.30 pm.

1. **Prezenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Perit Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Dr.Angelo Micallef (A.M.)<br>Steven Grech (S.G.)<br>Stephen Caruana ( S.C.) |
| Assenti | Is-Sur Marlon Grech (M.G.) Ambaxxatur (Vot 16) |
| Segretarju Eżekuttiv | Duncan Hall (D.H.) |

**Agenda ghal-laqgha :**

1. Qari tal-Minuti
2. Arisings mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Playing field Triq il-Wilga – Ftuh uffiċjali
6. Jum Marsaxlokk 2014
7. Malta International Fireworks Festival
8. Sejha ghall-Offerti numru MXLC06/2013
9. Lista ta' works orders/purchase orders
10. Lista ta' petty Cash
11. Approvazzjoni ta' hlasijiet
12. Affarijiet ohra
13. Aggornament

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk prezenti qal it-talba

**34/01** **Qari tal-Minuti**

34/01/01 Kopja tal-Minuti tas-Seduta precedenti, Seduta Numru 33 kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgha u ghaldaqstant il-Minuti ittiehdu bhala moqrija

34/01/02 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja issekondata mis-Sur Edric Micallef il-minuti gew unanimament approvati

34/01/03 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti bhala dokument korrett.

| | |
|---|---|
| **34/02** | ***Arisings* mill-Minuti** |
| 34/02/01 | Ma kienx hemm. |
| **34/03** | **Komunikazzjonijiet tas-Sindku** |
| 34/03/01 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi xi sigar li kienu jinstabu fi Triq il-Kosta (Bahar ic-Caghaq) u li kien jinhtieg li jinqalghu minhabba xi zviluppi li kienu qieghdin isiru kienu gew rilokati ghal Triq Ghajn Osiris. |
| 34/03/02 | Is-Sindku qal illi permezz ta' haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjat mieghu, kien qieghed isir xoghol ta' manutenzjoni estensiva fuq Gnien il-Familja. Fil-fatt, l-imsemmija haddiema kienu qieghdin ikahhlu u jizbghu ic-cnut tal-imsemmi gnien. Dan minbarra manutenzjoni li kienet saret permezz tal-istess haddiema fuq funtana u *playing equipment* li kien hemm fl-istess gnien. |
| 34/03/03 | Is-Sur Edric Micallef qal illi permezz tal-haddiema li l-Kunsill Lokali kellu assenjati mieghu kienet qieghda ssir bankina gdida fi Triq Santu Kristu biswit nicca li kien hemm f'kantuniera li kien hemm fl-istess triq. Is-Sindku tenna illi x-xoghol kien qieghed isir fuq talba ta' Fr.Mario Mangion. |
| 34/03/04 | Is-Sindku qal illi kienet ingibditlu l-attenzjoni rigward skart li kien qieghed jinhareg illegalment mill-barman tal-Kazin tal-Partit Laburista. Huwa zied jhid illi verbalment kienet inghdet l-attenzjoni tal-individwu li madanakollu xorta wahda baqa' johrog l-iskart. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil illi kellha titwahhal tabella sabiex ma jitpoggiex skart biswit winchroom li kien hemm fi Triq Xatt is-Sajjieda. Kellha wkoll tintbaghat ittra lid-Dipartiment tas-sanita' rigward din il-materja. |
| 34/04/05 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera illi flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien qieghed isegwi l-process tal-bye-law dwar karrijiet u oggetti ohra ta' ingombru proposta mill-Kunsill Lokali u li kienet fi stadju avvanzat ta' approvazzjoni. |
| **34/04** | **Korrispondenza** |
| 34/04/01 | Permezz ta' ittra datata 14 ta' April 2014, numru ta' familji residenti fi Triq it-8 ta' Mejju, talbu lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jpoggi bin-on-wheels fit-triq imsemmija. Dan peress illi skond l-istess residenti l-ammont ta' skart li kien qieghed jigi ggenerat kien kiber u bin-on-wheels li kien hemm fiz-zona ma kienx bizzejjed.<br>Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi kellha tintbaghat ittra lil Green MT sabiex kemm il-darba ikun possibbli fi Triq it-8 ta' Mejju jitpoggew kontenituri ghall-iskart riciklabbli. |
| 34/04/02 | Permezz ta' ittra datata 17 ta' Marzu 2014, is-Sur Joe Ellul, f'isem l-iskola sekondarja tas-subien tal-Kullegg Santa Margerita, talab lill-Kunsill Lokali donazzjoni ta' ktieb ghac-cerimonja ta' ghoti ta' premjijiet li kienet ser tinzamm nhar il-Gimgha 9 ta' Mejju 2014.<br>Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu joffri ktieb bhala donazzjoni lill-imsemmija skola. |

34/04/03 Permezz ta' e-mail datat 10 t'April 2014, is-Sur Vince Attard f'isem Nature Trust Malta informa lill-Kunsill Lokali b'attivita' ta' tindif li kienet ser tittella' fiz-zona ta' Delimara bil-kollaborazzjoni tal-Ambaxxata Amerikana. Is-Sur Attard talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possbilita' illi l-Kunsill Lokali jissieheb fl-attivita' imsemmija billi joffri *open skip*, boroz sabiex jingabar l-iskart fihom u xi ingwanti.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oggezzjoni ghat-talba ta' Nature Trust Malta ghaliex finalment l-attivita' kienet ser tgawdi minnha l-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jghin billi jipprovdi l-materjal imsemmi.

34/04/04 Permezz ta' e-mail datat 3 t'April 2014, is-Sindku informa lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali flimkien ma' bosta Kunsilli Lokali, illi fl-opinjoni tieghu, ma kienx gust illi s-Sindki kienu qieghdin jigu mitluba jiffirmaw ghax-xoghol li jsir mill-haddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali.
Is-Sindku informa lil dawk prezenti illi l-email kienet intbaghtet b'risposta ghal memo 6/2014 li permezz taghha s-Sindki u s-Segretarji Ezekuttivi kienu gew mitluba jiffirmaw formoli relatati ma' xoghol li jkunu ghamlu l-haddiema assenjati mal-Kunsilli Lokali rispettivi. Is-Sur Edric Micallef zied jghid illi ma kien ircieva ebda risposta ghall-email li kien baghat.

34/04/05 Permezz ta' e-mail datat 16 t'April 2014, il-Perit Audrey Testaferrata deNoto f'isem Transport Malta infurmat lill-Kunsilli Lokali b'konferenza li kienet ser tittella mill-Ministeru ghat-Trasport u Infrastruttura bil-kollaborazzjoni ta' Transport Malta bit-tema '*Traffic Management and Road Safety – A way forward*'.
Is-Sindku informa lil dawk prezenti illi kien bi hsiebu jattendi ghall-imsemmija konferenza.

34/04/06 Permezz ta' e-mail datat 11 t'April 2014, is-Sur Josef Gatt f'isem id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali , informa lill-Kunsill Lokali illi l-ammont ta' €3 000 kien ser jigi mghoddi lill-Kunsill Lokali hekk kif stilupat permezz ta'memo 25/2013.

34/04/07 Permezz ta' ittra datata 24 ta' Marzu 2014, il-Kunsill Lokali informa lill-bejjiegha tas-suq fil-berah li kien jopera mit-tnejn sas-Sibt gewwa l-lokalita' illi huma kienu intitolati li jarmaw f'Jum San Girgor minghajr il-htiega ta' permessi addizzjonali mill-Kunsill Lokali.

34/04/08 Permezz ta' e-mail datat 14 ta' April 2014, is-Sur Liam Ferriggi minn AID Ltd. informa lill-Kunsill Lokali illi l-kumpanija tieghu kienet iddiskutiet mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali d-diffikultajiet teknici li kien hemm fl-offerta rigward xiri ta' apparat ghal streaming tas-seduti tal-Kunsill Lokali online u kien hemm xi ratifiki tas-sitwazzjoni
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi b'konnessjoni ma' din il-materja kien talab lid-Dipartiment struzzjonijiet cari dwar jekk is-sejha setghetx tigi aggudikata lil AID Ltd. Kemm il-darba l-Kunsill Lokali jircievi risposta fil-pozittiv, l-istess Kunsill Lokali seta' jipprocedi bid-decizjoni originali tieghu.

34/04/09 Permezz ta' ittra datata 4 t'April 2014, il-Fondazzjoni Gal Xlokk infurmat lill-Kunsill Lokali illi applikazzjoni numru M413/A1B/001 sottomessa mill-Kunsill Lokali ma kenitx giet approvata kawza ta' xi materjal nieqes, ewlenin fosthom nuqqas ta' permess mill-MEPA u kuntratt iffirmat li jikkoncerna d-devoluzzjoni tas-sit in-kwistjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lil dawk prezenti illi l-fondazzjoni Gal Xlokk kienet avvicinat lill-Kunsill Lokali u talbet li tinzamm laqgha bejn l-istess Kunsill Lokali. il-Fondazzjoni Gal Xlokk u l-Managing Authority sabiex tigi diskussa f'aktar dettall l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil illi s-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kellhom jikkordinaw sabiex tinzamm il-laqgha hekk kif propost.

34/04/10 Permezz ta' ittra datata 14 ta' Marzu 2014. il-Kunsill Lokali gie mistieden mill-MFA jghaqqad grupp ta' persuni bil-ghan illi jattendu ghall-*UEFA Under 17 Championship* li kien ser isir f'Malta matul Mejju 2014.
Wara diskussjoni qasira. kien hemm qbil unanimu illi l-istedina tal-Kunsill Lokali kellha tigi estiza lil Marsaxlokk F.C. Youth Nursery.

34/04/11 Permezz ta' petizzjoni datata 1 t'April 2014 u ffirmata minn numru ta' sajjieda saret oggezzjoni ghal ghidut illi kienet ser titnehha central Strip li kien hemm f'Xatt is-Sajjieda ( faccata ta' Triq is-Salvatur).
Wara diskussjoni qasira. gie stabbilit illi qatt ma kien fil-pjani tal-Kunsill Lokali illi l-imsemmija central strip titnehha

34/04/12 Permezz ta' e-mail datat 7 t'April 2014. l-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu saru pjanti godda b'konnessjoni ma applikazzjoni numru PA/02958/10.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jaghmel talba lill-Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar ghal kopja tal-pjanti godda li kienu saru. Kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tas-Sindku.

34/04/13 Permezz ta'e-mail datat 15 t'April 2014. is-Sur Paul Spiteri f'isem ANSEK talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jissieheb bhala corporate member fl-ghaqda msemmija.
Wara diskussjoni libera. kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellux jissieheb f'ANSEK. Dan peress illi l-istess Kunsill Lokali seta' jigi f'sitwazzjonijiet imbarazzanti fl-eventwalita' li jinholoq xi tip ta' kunflitt bejn is-Segretarji Ezekuttivi u l-Kunsilli Lokali

34/04/14 Permezz ta' ittra datata 1 ta' April 2014. is-Sur Jason Micallef. chairman tal-fondazzjoni V.18. informa lill-Kunsill Lokali b'laqghat li kienet bi hsiebha zzomm l-istess fondazzjoni mal-Kunsilli Lokali u Regjuni bil-ghan illi jigu diskussi programmi u attivitajiet li jaghtu gieh lil-lokalitajiet rispettivi.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu. il-kunsill Lokali kellu jipproponi illi V.18 tikkordina attivita' li permezz taghha tinghata promozzjoni lit-tempji ta' Tas-Silg. Kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba il-Kunsill Lokali jintalab jipproponi attivita' jimxi fuq dak li kien tenna s-Sindku.

**34/05** **<u>Playing Field – Triq il-Wilga – Ftuh Ufficjali</u>**

33/05/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi x-xogholijiet fuq il-*playing field* gdida fi Triq il-Wilga kienu kwazi lesti u hekk kif ippjanat il-ftuh ufficjali tal-playing field seta' jsir fl-istess gurnata ta' Jum Marsaxlokk 2014 li kien ser jahbat nhar il-Hadd 27 ta' April 2014.
Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu. il-ftuh ufficjali tal-playing field kellu jinzamm semplici. Huwa zied jghid illi huwa kien tal-fehma illi wara li jinghataw ir-rikonoxximenti marbuta ma' Jum Marsaxlokk 2014. il-Banda Pompei kellha teskorta

lill-Kunsill Lokali lejn Triq il-Wilga fejn imbaghad tinkixef plakka kommemorativa. Kien hemm diskussjoni libera li matulha kien hemm qbil mal-proposta tas-Sindku

**34/06 Jum Marsaxlokk 2014**

33/06/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi hekk kif maqbul il-Kunsill Lokali talab lill-ghaqdiet tal-lokal iressqu l-proposti taghhom dwar min kellu jinghata rikonoxximent ghal hidmietu matul Jum Marsaxlokk 2014. Is-Sur Hall zied jghid illi l-Kunsill Lokali ma kien ircieva ebda nomina mill-ghaqdiet. Sussegwentement, is-Sindku kien baghat e-mail li permezz taghha u fin-nuqqas ta' nominazzjonijiet mill-ghaqdiet kien ippropona illi s-Sinjorina Salvina Caruana tinghata Gieh Marsaxlokk 2014, ghal hidmietha fil-qasam edukattiv. Is-Sur Angelo Micallef kien issekonda lis-Sindku fil-proposta.
Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil unanimu illi Gieh Marsaxlokk 2014 kellu jinghata lis-Sinjorina Salvina Caruana hekk kif propost ghal hidmietha fil-qasam Edukattiv. Kien hemm qbil ukoll illi kellu jinghata rikonoxximent lis-Sur Salvinu Caruana ghal hidmietu fil-qasam letterarju, is-Sa. Salvina Grech ghal hidmietha fil-qasam edukattiv u lis-Sa. Carmen Tabone ghal hidmietha fil-qasam edukattiv.

**34/07 Malta International Fireworks Festival**

34/07/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilli illi hekk kif maqbul is-Sur Mario Camilleri kien ressaq proposta ta' programm ghal attivita' li kellha tittella' f'isem il-Kunsill Lokali qabel jinghata bidu ghall-hruq tan-nar. L-attivita' kellha tibda' fis-7:00p.m. b'marci mill-banda Pompei, segwita mill-Guggen Musik Band li kellha taghmel programm ta' marci li jwassal ghad-9:30p.m. Fil-frattemp f'parti minn Xatt is-Sajjieda kellu jkun hemm numru ta' stalls ibieghu affarijiet tradizzjonali u fi Pjazza Madonna ta' Pompei kellu jkun hemm grupp folkloristiku Tork itella' programm ta' zfin.
Kien hemm diskussjoni libera li matulha kien hemm qbil unanimu mal-programm propost. Wara li inghataw dettalji dwar kemm kienet ser tiswa' kull parti tal-attivita' lill-Kunsilliera prezenti, kien hemm diskussjoni libera dwar il-hlas li kien intalab mill-Guggen Musik Band u l-fatt li din kienet ser tithallas aktar mill-Banda Pompei. Finalment intlehaq qbil illi l-Guggen Musik Band kellha tinghata budget ekwivalenti ghal dak li kien inghata lill-Banda Pompei u cioe' €600. Kemm il-darba l-istess Guggen Musik Band ma taccettax illi tahdem l-attivita' bl-ammont imsemmi kellhom jinkisbu s-servizzi ta' banda ohra.

**34/08 Sejha ghall-offerti numru MXLC06/2013**

34/08/01 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li kienu gew innutati xi nuqqasijiet fl-offerta tas-Sur Frankie Mifsud, l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet talbet parir legali lil Dr.Luciano Bustuttil dwar jekk il-Kunsill Lokali kellux joffri l-possibilita' lis-Sur Mifsud jirratifika l-pozizzjoni tieghu. Dr. Busttil kien irrakkomanda illi s-Sur Mifsud jinghata c-cans illi jissottometti d-dokumenti mehtiega sabiex jirregolarizza l-offerta tieghu, liema rakkomandazzjoni giet implimentata permezz ta' ittra mibghuta lill-istess Sur Mifsud nhar l-1 ta' April 2014. Sfortunatament, is-Sur Mifsud ma kienx ipproduca d-dokumenti mehtiega fiz-zmien stipulat u ghaldaqstant ma setax jigi aggudikat is-sejha.

Sussegwentement, permezz ta' e-mail datat 14 ta' April 2014, il-Kunsill Lokal kien talab parir lill-istess Dr.Busuttil dwar jekk il-Kunsill kienx obbligat li johrog sejha

ghall-offerti mill-gdid jew jekk kellux jkompli bil-process ta' aggudikar tas-sejha mill-offerti li kellu permezz ta' sejha nru. MXLC06/2013. Dr. Busuttil kien ikkonferma illi l-Kunsill Lokali seta' jipprocedi billi jkompli jevalwa l-offerti li kienu gew ricevuti b'konnessjoni ma' sejha nru MXLC06/2013.

F'dan l-istadju is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti bid-dettalji tal-offerti li l-Kunsill Lokali kien ircieva b'konnessjoni mas-sejha ghall-offerti. Huwa zied jghid illi wara li kienet giet eliminata l-offerta tas-Sur Mifsud. kien fadal erbgha offerti validi. Kien hemm diskussjoni libera li matulha gew evalwati l-offerti li kien ircieva l-Kunsill Lokali. Issemma kif l-orhos offerta valida kienet dik ta' Ronald Bezzina, li kien jahbat il-Kuntrattur prezenti li kien qieghed iwettaq l-istess xoghol f'Marsaxlokk. Intqal illi l-Kunsill Lokali kien sodisfatt bix-xoghol li kien joffri s-sur Bezzina. Finalment, is-Sur Steven Grech ippropona illi sejha ghall-offerti numru MXLC06/2013 tigi aggudikata lil Ronald Bezzina. Is-Sur Stephen Caruana issekonda l-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**34/09 Lista ta' Works Orders/Purchase Orders**

34/09/01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' works/orders puchase orders mahruga matul Marzu 2014.

34/09/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja, issekondata mis-Sur Angelo Micallef. il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**34/10 Lista ta' petty Cash**

34/10/01 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill lista ta' *petty cash* mahrug matul Marzu 2014.

34/10/02 Wara kunsiderazzjoni tas-Sur Angelo Micallef. issekondata mis-Sur Edric Micallef. il-Kunsill unanimament approva l-lista msemmija li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti

**34/11 Approvazzjoni ta' hlasijiet**

34/11/01 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill skeda ta' pagamenti (Skeda 04/2014) ghall-approvazzjoni.

34/11/02 Fuq mozzjoni tas-Sur Edric Micallef. issekondat mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti inkluzi fl-iseka ta' pagamenti li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti.

34/11/03 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi wara li f'seduti precedenti kien gie deciz illi kellu jsir kuntatt mal-Perit Marven Ellul rigward kontijiet pendenti ghal xoghol li kien sar fis-snin imghoddija. l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet talbet lill-perit Ellul jipproduci d-dokumenti mehtiega sabiex ikun jista jithallas. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid illi wara li saru l-verifiki mehtiega irrizulta illi minkejja li fil-kotba tal-Kunsill Lokali l-Perit Ellul kien jidher li kellu jithallas l-ammont ta' €12 854. l-ammont attwali pagabbli lill-Perit Ellul kien ta' €7793.83. Wara diskussjoni libera. kien hemm qbil unanimu illi l-Perit Ellul kellu jithallas l-ammont imsemmi.

**34/12** **Affarijiet Oħra**

34/12/01 *Bus Shelter fi Triq Melqart*

Is-Sur Steven Grech qal illi fl-opinjoni tiegħu kien jinħtieġ illi jiġi installat bus shelter fi Triq Melqart. Is-Sur Grech żied jgħid illi bus stop eżistenti u li kien jintuża minn kwantita' konsiderevoli ta' nies ma kienx joffri kenn mill-elementi lil dawk li jkunu qiegħdin jistennew sabiex jagħmlu użu mis-servizz pubbliku. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jressaq it-talba quddiem l-awtoritajiet kkoncernati.

34/12/02 *Billboard fi Triq iż-Żejtun*

Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien ġie avvicinat mill-għaqda Puttinu Cares li wriet ix-xewqa li tpoġġi billboard żgħir fi Triq iż-Żejtun bil-għan illi tiġi promossa attivita' li kienet ser issir. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ma kellu jsib ebda oġġezzjoni għat-talba ta' Puttinu Cares sakemm l-imsemmi billboard ma joħloq ebda inkonvenjent.

34/12/03 *Parati fl-iskalien*

Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien ġie avvicinat minn diversi sajjieda li kienu lmentaw rigward l-istat ħażin ħafna tal-parati tal-injam li kien hemm fl-iskalien matul Xatt is-Sajjieda

**34/13** **Aġġornament**

34/13/01 Il-laqgħa spiccat fit-8:00pm. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aggornata għal nhar il-Ħamis 20 ta' April 2014

**Perit Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

Data: ____________________

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK** **Skeda Nru. 4/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 19/3/14 sa 15/4/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Payroll | € 7,669.44 | € 7,669.44 | D | PF | payroll for march and mayor's honoraria 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | | 7990 |
| 2 | Adeodato Schembri | € 205.00 | € 205.00 | D | PF | various services rendered | mar 14 | 1/2014 | 887 | 1307 | | 7996 |
| 3 | Arms Ltd | € 130.00 | € 130.00 | D | PF | temporary supply bandli maghluq | n/a | n/a | n/a | n/a | | 7999 |
| 4 | V&A Services Ltd | € 4,489.89 | € 4,489.89 | T | PF | refuse collection & emptying of bins March 14 | 30-03-14 | MXLC006 | n/a | n/a | | 7997 |
| 5 | Brian Bugeja | € 144.23 | € 144.23 | D | PF | supplies for office | 03-04-14 | n/a | 895 | 1314 | | 8022 |
| 6 | Schembri Concrete Blocks Ltd | € 38.70 | € 38.70 | D | PF | kurduna | 14-03-14 | inv93041 | 875 | 1295 | | 8021 |
| 7 | Kunsill Malti ghall-Isport | € 1,975.00 | € 1,975.00 | D | PF | amount due to programme carried out in 2011 | 28-03-14 | lcs2011/06 | n/a | n/a | | 8020 |
| 8 | F.Caruana Brothers | € 74.74 | € 74.74 | D | PF | ironmongery | 01-04-2014 | 6764 | 891 | 1311 | | 8019 |
| 9 | Smart Office Supplies Ltd | € 17.35 | € 17.35 | D | PF | stationery | 04-03-2014 | 2664 | 863 | 1283 | | 8018 |
| 10 | Smart Office Supplies Ltd | € 77.88 | € 77.88 | D | PF | stationery | 03-03-14 | 2624 | 863 | 1283 | | 8018 |
| 11 | Smart Office Supplies Ltd | € 1.95 | € 1.95 | D | PF | stationery | 09-10-2013 | 13046719 | 685 | 1104 | | 8018 |
| 12 | Smart Office Supplies Ltd | -€ 11.33 | -€ 11.33 | D | PF | credit note | 14-10-2013 | 93005177 | n/a | n/a | | 8018 |
| 13 | JL Office Supplies | € 83.86 | € 83.86 | D | PF | stationery | 14-03-2014 | 7 | 878 | 1298 | | 8017 |
| 14 | EU Office Supplies | € 37.55 | € 37.55 | D | PF | stationery | 13-03-2014 | 7 | 882 | 1302 | | 8016 |
| 15 | MediaLink Communications Co Ltd | € 54.75 | € 54.75 | D | PF | advert on nazzjoni (San Girgor) | 15-03-2014 | 53919 | 866 | 1286 | | 8014 |
| 16 | Melita Plc | € 18.59 | € 18.59 | D | PF | internet service | 01-04-2014 | 35683746 | n/a | n/a | | 8013 |
| 17 | RGS Supplies Ltd | € 41.39 | € 41.39 | D | PF | stationery | 14-03-2014 | 275658 | 877 | 1297 | | 8012 |
| 18 | Koptaco Coaches | € 283.20 | € 283.20 | D | PF | hire of coaches for cultural outing | 26-03-2014 | kcc10000905 | 864 | 1284 | | 8011 |
| 19 | JJ Ironmongery | € 29.65 | € 29.65 | D | PF | ironmongery | 02-04-2014 | 197735 | 893 | 1313 | | 8010 |
| 20 | JJ Ironmongery | € 60.58 | € 60.58 | D | PF | ironmongery | 07-04-2014 | 198006 | 897 | 1317 | | 8010 |
| | **Sub Total c/f** | **15422.42** | **€15,422.42** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **15422.42** | **€15,422.42** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 4/2014**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK**

**Skeda Nru. 4/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 19/3/14 sa 15/4/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | JJ Ironmongery | €8.95 | €8.95 | D | PF | ironmongery | 21/3/14 | 196936 | 885 | 1305 | | 8010 |
| 22 | G4S Security Services Ltd | €17.70 | €17.70 | D | PF | cash in transit for March 14 | 31-03-14 | GS009617 | n/a | n/a | | 8009 |
| 23 | ELC Ltd | €1,017.29 | €1,017.29 | D | PF | gardening works for March 14 | 31-03-14 | 10499 | n/a | n/a | | 8008 |
| 24 | Sterling Security | €424.80 | €424.80 | D | PF | extra warden hours for march 14 | 01-04-14 | 15553 | n/a | n/a | | 8007 |
| 25 | Jason Gauci | €143.64 | €143.64 | D | PF | newspapers etc for march 14 | 01-04-14 | inv3/14 | 892 | 1312 | | 8006 |
| 26 | Standard Publications Ltd | €52.86 | €52.86 | D | PF | advert on Independent (San Girgor 14) | 16-03-14 | 81343 | 868 | 1288 | | 8005 |
| 27 | Office Point Malta | €13.03 | €13.03 | D | PF | stationery | 21-03-14 | inv37700-141 | 896 | 1316 | | 8004 |
| 28 | Image Systems Ltd | €82.62 | €82.62 | K | PF | usage for Xerox WC7525 | 28-02-14 | fsma 102522 | n/a | n/a | | 8003 |
| 29 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | €49.31 | €49.31 | D | PF | fuel for council van | 31.03.14 | 21104 | 890 | 1310 | | 8002 |
| 30 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | €9.00 | €9.00 | D | PF | fuel for council van | 03-04-14 | 21107 | 894 | 1315 | | 8002 |
| 31 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | €55.00 | €55.00 | D | PF | fuel for council van | 07-04-14 | 21112 | 899 | 1319 | | 8002 |
| 32 | FGP Ltd | €45.00 | €45.00 | D | PF | repairs to square barrier | 18-03-14 | 22659/p | 883 | 1303 | | 8001 |
| 33 | IV Portelli & Sons Ltd | €57.54 | €57.54 | D | PF | repairs to chiansaw | 14-03-14 | 1017580 | 884 | 1304 | | 8015 |
| 34 | IV Portelli & Sons Ltd | €96.00 | €96.00 | D | PF | polypipe roll | 26-03-14 | 1017612 | 884 | 1304 | | 8024 |
| 35 | Nexos Street Lighting | €2,013.52 | €2,013.52 | D | PF | street light repairs & maintenance | 2.4.14 | 1230 | n/a | n/a | | 8023 |
| 36 | MITA | € 19.87 | € 19.87 | D | PF | email accounts | 21-03-14 | SIN029673 | n/a | n/a | | 8025 |
| 37 | Carmen Scicluna | €293.94 | €293.94 | D | PF | library hours for march 14 | 04-04-14 | 4042014 | n/a | n/a | | 8026 |
| 38 | Koperativa Tabelli u Sinjali | €94.05 | €94.05 | T | PF | traffic signs | 13-02-14 | 15-06-52 | 843 | 1263 | | 8027 |
| 39 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | €43.60 | €43.60 | D | PF | fuel for council van | 24-03-14 | 99 | 886 | 1306 | | 8028 |
| 40 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | €57.00 | €57.00 | D | PF | fuel for council van | 25-03-14 | 21101 | 888 | 1308 | | 8028 |
| | **Sub Total c/f** | **4594.72** | **€4,594.72** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **15422.42** | **€15,422.42** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **20017.14** | **€20,017.14** | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 4/2014**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK** **Skeda Nru. 4/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 19/3/14 sa 15/4/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | Caruana Bros Petrol Station (R Caruana) | €48.30 | €48.30 | D | PF | fuel for council van | 14/4/14 | 2115 | 910 | 1330 | | 8028 |
| 42 | IV Portelli & Sons Ltd | €96.50 | €96.50 | D | PF | drip for irrgation system | 9/4/14 | I017671 | 898 | 1318 | | 8029 |
| 43 | EU Office Supplies | €21.54 | €21.54 | D | PF | stationery | 08-04-14 | 9 | 907 | 1327 | | 8030 |
| 44 | Union Print Ltd | €55.13 | €55.13 | D | PF | avviz San Girgor 14 | 31-03-14 | AI010529 | 865 | 1285 | | 8031 |
| 45 | Schembri Concrete Blocks Ltd | €63.38 | €63.38 | D | PF | kurduna u ramel | 09-04-14 | INV93433 | 905 | 1325 | | 8032 |
| 46 | Schembri Concrete Blocks Ltd | €8.00 | €8.00 | D | PF | kurduna u ramel | 11-04-14 | INV93492 | 909 | 1329 | | 8032 |
| 47 | Building & Design Consultants | €558.14 | €558.14 | D | PF | professional fees re Tourist Info Office | 13-02-14 | 6315 | 836 | 1256 | | 8033 |
| 48 | Building & Design Consultants | €590.00 | €590.00 | D | PP | professional fees re Tourist Info Office | 25-03-14 | 6349 | 836 | 1256 | | 8033 |
| 49 | Perit Christopher Mintoff | €50.00 | €50.00 | D | PF | mepa screening fee (re tourist hub) | 03-02-14 | 105479-4759-0 | 906 | 1326 | | 8034 |
| 50 | Gemma Cuschieri | €298.00 | €298.00 | D | PF | office cleaning for Jan - Mar 14 | 10-04-14 | n/a | n/a | n/a | | 8035 |
| 51 | Mary Cachia | €1,500.00 | €1,500.00 | D | PF | rent for council office Apr - June 14 | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8036 |
| 52 | Venture Trading | €25.55 | €25.55 | D | PF | stationery | 04-04-14 | 21699 | 900 | 1320 | | 8037 |
| 53 | M.G Pulis | €49.90 | €49.90 | D | PF | repairs to grass cutter | 08-04-14 | 4203 | 901 | 1321 | | 8038 |
| 54 | Transport Malta | €112.00 | €112.00 | D | PF | traffic co ordination during Fireworks Festival | 14-04-14 | n/a | n/a | n/a | | 8039 |
| 55 | J.J Ironmongery | €25.24 | €25.24 | D | PP | ironmongery | 15-04-14 | 198568 | 913 | 1333 | | 8040 |
| 56 | PC Options Ltd | €144.40 | €144.40 | D | PF | repairs to colour laser printer | 14-04-14 | inv20939 | 912 | 1332 | | 8041 |
| 57 | Go Plc | €27.73 | €27.73 | D | PP | bill for internet library | 12-03-14 | 37252724 | n/a | n/a | | 8042 |
| 58 | Go Plc | €12.34 | €12.34 | D | PF | bill for internet key | 09-04-14 | 37667448 | n/a | n/a | | 8042 |
| 59 | Go Plc | €15.58 | €15.58 | D | PF | bill for 21652392 | 07-04-14 | 37374086 | n/a | n/a | | 8042 |
| 60 | Go Plc | €69.47 | €69.47 | D | PF | bill for 21650937 | 07-04-14 | 37379392 | n/a | n/a | | 8042 |
| | Sub Total c/f | 3771.2 | €3,771.20 | | | | | | | | | |
| | Sub Total b/f | 20017.14 | €20,017.14 | | | | | | | | | |
| | Total | 23788.34 | €23,788.34 | | | | | | | | | |

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Approvati fis-Seduta Nru: 4/2014**

D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.

**Kunsill Lokali: MARSAXLOKK** **Skeda Nru. 4/14**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: 19/3/14 sa 15/4/14**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Go Plc | €16.49 | €16.49 | D | PF | bill for 21659555 | 7/4/14 | 37379374 | n/a | n/a | | 8042 |
| 62 | Go Plc | €342.37 | €342.37 | D | PF | bill for 21652525, 21653535, 21654495 | 7/4/14 | 37379378 | n/a | n/a | | 8042 |
| 63 | Duncan Hall | €65.75 | €65.75 | D | PF | reimbursement for usage of personal transport | 15-04-14 | req04/2014/dh | n/a | n/a | | 8043 |
| 64 | Marvin Ellul | €604.75 | €604.75 | D | PF | professional fees (architect) embellishment of palyingfield Tal-Maghluq | 13-01-14 | ME 09208 (Bill 2) | 811 | 1231 | | 8044 |
| 65 | Marvin Ellul | €68.72 | €68.72 | D | PF | professional fees (architect) inspection re damaged hse in BirRikka Str | 14-11-06 | ME 05259 | n/a | n/a | | 8044 |
| 66 | Marvin Ellul | €109.95 | €109.95 | D | PF | professional fees (architect) inspection re asphalting works in Gulino Maniscalco Str | 27-09-04 | ME 04177 | n/a | n/a | | 8044 |
| 67 | Marvin Ellul | €123.90 | €123.90 | D | PF | professional fees (architect) re bad asphalt in St Catherine Str, Barthelemy Str, etc | 25-10-11 | ME 09039 | n/a | n/a | | 8044 |
| 68 | Marvin Ellul | €96.20 | €96.20 | D | PF | professional fees (architect) re compliance certificate for winch room | 08-07-04 | ME 03097 | n/a | n/a | | 8044 |
| 69 | Cash | €100.00 | €100.00 | D | PF | petty cash | n/a | n/a | n/a | n/a | | 8046 |
| 70 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 71 | | | | T | PF | | | | | | | |
| 72 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 73 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 74 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 75 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 76 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 77 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 78 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 79 | | | | D | PF | | | | | | | |
| 80 | | | | D | PF | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **1528.13** | **€1,528.13** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **20017.14** | **€20,017.14** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **21545.27** | **€21,545.27** | | | | | | | | | |

**Approvati fis-Seduta Nru: 4/2014**

**D - Direct Order, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet, PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**

Sindku

Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv

Kunsillier

**Purchase Orders and Purchase Request for March 2014**

| P/O Number | P/R Number | Date | Supplier | Material Procured | Reason | Amount | P/O Book |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1277 | 857 | 01/03/2014 | J.J.Ironmongery | Chairs for Carnival Activity | Carnival | | 26 |
| 1278 | 858 | 03/03/2014 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghall-Van | Van | € 48.67 | 26 |
| 1279 | 859 | 03/03/2014 | Jason Gauci | Newspaper and Supplies | Office | € 117.20 | 26 |
| 1280 | 860 | 03/03/2014 | JJ Ironmongery | 6 xkejjer Cement | Moll | | 26 |
| 1281 | 861 | 04/03/2014 | Patrick Cellars | 10 pkts ilma | Office | € 29.99 | 26 |
| 1282 | 862 | 04/03/2014 | Sea Coast | Daily Supplies | Office | € 173.77 | 26 |
| 1283 | 863 | 04/03/2014 | Smart Office Supplies | Toner and A4 paper | Office | € 95.23 | 26 |
| 1284 | 864 | 05/03/2014 | Koptaco Coaches | 53-seater u 18 seater van | Harga Aquarium | € 283.20 | 26 |
| 1285 | 865 | 05/03/2014 | UnionPrint | Avviz lil Bejjiegha Monti Orizzont | San Girgor 2014 | € 55.13 | 26 |
| 1286 | 866 | 05/03/2014 | Medialink Comm | Avviz lil Bejjiegha Monti Nazzjon | San Girgor 2014 | € 54.75 | 26 |
| 1287 | 867 | 05/03/2014 | Allied Newspapers | Avviz lil Bejjiegha Monti Times | San Girgor 2014 | € 86.14 | 26 |
| 1288 | 868 | 05/03/2014 | Standard Publications Ltd | Avviz lil Bejjiegha Monti Independent | San Girgor 2014 | € 52.86 | 26 |
| 1289 | 869 | 05/03/2014 | Director of Information | Avviz lil Bejjiegha Monti Gov Gazzette | San Girgor 2014 | € 9.32 | 26 |
| 1290 | 870 | 03-10-14 | Caruana Bros Petrol Station | Diesel ghal Van | van | € 43.71 | 26 |
| 1291 | 871 | 03-12-14 | JJ Ironmongery | Cement and Supplies | Ghajn Osiris | | 26 |
| 1292 | 872 | 03-12-14 | AFS Ltd | Chlorine and Acid | Funtana | € 167.26 | 26 |
| 1293 | 873 | 13/03/2014 | JJ Ironmongery | Various Supplies | Library/Ghajn Osiris | | 26 |
| 1294 | 874 | 13/03/2014 | Bitmac | 30 bags IRR | Patching | € 166.00 | 26 |
| 1295 | 875 | 14/03/2014 | Schembri Barbros | bricks u xahx | maintenance | | 26 |
| 1296 | 876 | 14/03/2014 | JGC Ltd | Bandla | Bandli Maghluq | € 1,150.00 | 26 |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1297 | 877 | 14/03/2014 | RGS Supplies | HP Printer Toner and oth supplies | Library | € 96.41 | 26 |
| 1298 | 878 | 14/03/2014 | JL Office Supplies | Laserjet Toner Blk | Office | € 83.86 | 26 |
| 1299 | 879 | 17/03/2014 | Attard Woodworks | Furniture Shelvings Front desk | Office | € 830.00 | 26 |
| 1300 | 880 | 17/03/2014 | Cleavon Fenech | Xatt is-Sajjieda, Wilga u Trunciera | Tindif | € 250.00 | 26 |
| 1301 | 881 | 17/03/2014 | Cleavon Fenech | Xatt is-Sajjieda wara San Girgor | Tindif | € 400.00 | 27 |
| 1302 | 882 | 17/03/2014 | EU Office Supplies | Stationery | Office | € 37.55 | 27 |
| 1303 | 883 | 17/03/2014 | FGP Limited | Welding of Flat bar for barrier | Pjazza | | 27 |
| 1304 | 884 | 17/03/2014 | I.V Portelli | pipe u repair of Chainsaw | Bandli Maghluq | € 153.54 | 27 |
| 1305 | 885 | 21/03/2014 | JJ Ironmongery | ghodda | kunsill | | 27 |
| 1306 | 886 | 24/03/2014 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghal van | van | € 43.60 | 27 |
| 1307 | 887 | 25/03/2014 | Adeodato Schembri | Various services re Festa poles | kunsill | € 205.00 | 27 |
| 1308 | 888 | 25/03/2014 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghal van | van | € 57.00 | 27 |
| 1309 | 889 | 26/03/2014 | C-Planit IT Solutions | Laptop | Office | | 27 |
| 1310 | 890 | 31/03/2014 | Caruana Bros Petrol Station | diesel ghal van | van | € 49.31 | 27 |

Approved on ____________________

Edric Micallef
Sindku

Duncan Hall
Segretarju Ezekuttiv

## Petty Cash for March 2014

| Voucher Number | Supplier | Material procured | Date | Amount |
|---|---|---|---|---|
| PC017/2014 | T.M. Ironmongery | Water paint | 07-03-2014 | -€ 10.50 |
| PC018/2014 | T.M. Ironmongery | Steel Brush | 18-03-2014 | -€ 2.90 |
| PC019/2014 | Maltapost plc | Registered letter | 18-03-2014 | -€ 1.16 |
| PC020/2014 | T.M. Ironmongery | Drilling bit | 20-03-2014 | -€ 1.90 |
| PC021/2014 | E.G. Trading Co. Ltd | 50mtrs anchor rope | 20-03-2014 | -€ 15.00 |
| | ***Petty cash Cheque No. 7986*** | | | € 100.00 |
| PC022/2014 | JCC Enterprises | . | 21-03-2014 | -€ 7.00 |
| PC023/2014 | Maltapost plc | Stamps | 24/03/2014 | -€ 19.76 |
| PC024/2014 | T.M. Ironmongery | Brushed for waterpaint | 04-09-2014 | -€ 11.50 |
| PC025/2014 | T.M. Ironmongery | Screwdriver | 28/03/2014 | -€ 2.00 |